# TALBA TAL-FIDILI

## TNEJN TAL-25 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-Mulej jistedinna biex inkunu dawl li jiddi quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemil tajjeb tagħna u jagħtu glorja lill-Missier tas-sema. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Agħmilna dawl għal ħutna, Mulej.*

1. Għall-Knisja, biex tkun dawl jiddi għall-bnedmin bit-tagħlim tagħha u bil-kuraġġ li toħroġ il-verità għall-beraħ quddiem il-gideb tal-ħażin, nitolbu. R/.

2. Għas-soċjetà ċivili, biex fiha jitnisslu sentimenti ta' fiduċja f'xulxin u ħadd ma jqajjem ġlied kontra l-proxxmu meta dan ma jkun għamillu l-ebda ħsara, nitolbu. R/.

3. Għall-familji, biex il-Mulej jimliehom bil-barka riservata għan-nies ġusti, u jħarishom fis-sliem u l-għaqda tal-membri tagħhom, nitolbu. R/.

4. Għal dawk li jsofru l-għira min-nies vjolenti, biex ipattu d-deni bil-ġid u jsibu fl-awtorità kostitwita min jiddefendihom b'mod ġust quddiem it-theddida tal-mibegħda, nitolbu. R/.

5. Għalina li nisimgħu l-Kelma ta' Kristu f'din l-Ewkaristija, biex nagħtu widen u attenzjoni għaliha ħalli ma nitilfux il-ġid u d-doni li Alla jżejjen bihom lil min joqgħod għar-rieda tiegħu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej, inti għidtilna li dawk li huma safja f'qalbhom u ma jgħirux għal għajrhom jidħlu fis-saltna tiegħek. Agħtina li nkunu dawl bl-imġieba qaddisa tagħna, ħalli niddu quddiem il-bnedmin u ngħinuhom jagħti glorja lill-Missier tas-sema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## TLIETA TAL-25 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-familja tad-dixxipli ta' Ġesù tinkludi mhux biss il-membri tal-familja tiegħu, imma fuq kollox lil dawk kollha li jisimgħu l-Kelma tiegħu u jħarsuha. Nitolbu biex aħna nsiru dixxipli veri ta' Ġesù b'ħajja li taqbel mat-tagħlim tal-Evanġelju:
R/. *Agħmilna dixxipli tiegħek, Mulej.*

1. Biex il-Knisja tkun il-komunità miftuħa għal dawk kollha li jridu jilqgħu lil Kristu f'ħajjithom, u tgħinhom isibuh bix-xandir tal-Evanġelju ta' salvazzjoni, nitolbu. R/.

2. Biex titwarrab it-tentazzjoni tal-kburija u tal-profitt ekonomiku mgħaġġel, li bihom tinħoloq sitwazzjoni ta' inġustizzja u inugwaljanza għal min hu batut fis-soċjetà, nitolbu. R/.

3. Biex il-Mulej ibierek il-ħidma tal-katekisti tat-tfal, teenagers u żgħażagħ, l-aktar fil-preparazzjoni għas-sagrament tal-Konfermazzjoni, u biex l-istess katekisti jkunu midħla tal-Kelma ta' Kristu, nitolbu. R/.

4. Biex il-foqra u l-morda jsibu fil-Kelma ta' Ġesù l-faraġ u l-kuraġġ li għandhom bżonn, u jħossu l-qawwa tiegħu li tfejjaq u taħfer, nitolbu. R/.

5. Biex aħna jkollna l-atteġġjament ta' Marija u tal-qraba ta' Ġesù, li niżlu biex jisimgħuh u jitħalltu mad-dixxipli tiegħu, u hekk insiru membri tal-familja kbira ta' ħbiebu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, inti xandart il-bxara t-tajba lill-folol bil-ġuħ tal-Kelma, u daħħalt mad-dixxipli tiegħek lil Ommok Marija u lill-qrabatek li ġew jisimgħuk. Agħti lilna li nsibu l-ferħ merfugħ għal dawk li jisimgħu l-Kelma tiegħek u jħarsuha. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## ERBGĦA TAL-25 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Ġesù bagħat lit-Tnax l-appostli biex ikeċċu x-xjaten u jfejjqu l-morda, u biex iħabbru l-miġja tas-saltna ta' Alla. Nitolbu biex aħna wkoll nifhmu l-missjoni tagħna li noħorġu fid-dinja u nxandru l-bxara t-tajba:
R/. *Agħmilna appostli tas-saltna tiegħek, Mulej.*

1. Ħares lill-Papa, lill-isqfijiet u lis-saċerdoti fil-ħidma tagħhom biex jippriedkaw u jsalvaw lill-bnedmin mill-qawwa tax-xitan u jagħtuhom il-fejqan tal-ispirtu li hu l-bażi ta' kull fejqan veru tal-ġisem, nitolbu. R/.

2. Biegħed mill-politiċi tagħna l-falsità u l-gideb, u agħtihom qalb vera u sinċiera li tħares biss lejn il-ġid komuni tas-soċjetà li huma jiggvernaw, nitolbu. R/.

3. Ipprovdi l-għajxien lill-foqra tad-dinja, u la tħallix li miljuni ta' nies innoċenti jsofru l-ġuħ u t-tbatija ħtija tal-egoiżmu tal-għonja, nitolbu. R/.

4. Eħles mill-periklu lil tant żgħażagħ li jaqgħu vittmi tad-droga u jispiċċaw jisirqu u jsawwtu persuni dgħajfa u anzjani, u biegħedhom mit-tentazzjoni tal-kriminalità li fiha jdaħħluhom dawk li juruhom il-vizzju tad-droga, nitolbu. R/.

5. Agħtina qalb ġeneruża u ħielsa minn kull rabta mal-ġid materjali, biex noħorġu fit-toroq tad-dinja bl-atteġġjament ta' min hu fqir u nxandru bil-ferħ l-aħbar tas-salvazzjoni lil min irid jikkonverti u jemmen fl-Evanġelju, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, agħtina li nsiru evanġelizzaturi tal-ferħ messjaniku li inti ġibt għal dawk li huma foqra, biex innisslu tama u kuraġġ f'min hu marid fl-ispirtu u fil-ġisem, u jfittex id-dawl inemnem tal-fidi fil-musbieħ li hi l-Kelma tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

TALBA TAL-FIDILI

# ĦAMIS TAL-25 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* Il-fama ta' Ġesù waslet f'widnejn Erodi, li ried jarah mhux għax emmen fih imma għax xtaq jara mirakli. Nitolbu biex aħna nersqu lejn Ġesù bil-fidi vera ta' dawk li laqgħuh sinċerament bħala Messija u Mulej, li wettaq dak kollu li ħabbar Ġwanni l-Battista u l-profeti tal-imgħoddi:
R/. *Mulej, għinna biex narawk u nemmnu fik.*

1. Għal dawk kollha li jemmnu fi Kristu, biex jibnu l-fidi tagħhom fuq is-smiegħ tal-Kelma tiegħu, u mhux għax jaħsbu li Kristu se jsolvilhom il-problemi kollha tal-ħajja bil-qawwa tal-mirakli tiegħu, nitolbu. R/.

2. Għall-umanità li taħseb li tista' tbiddel l-istorja u ż-żminijiet bil-progress ekonomiku, biex tagħraf il-veru għerf li jitlob rispett lejn il-pjan ta' Alla fil-ħolqien, nitolbu. R/.

3. Għal kull min jitħabat u jaħdem biex itejjeb il-kundizzjoni tiegħu u tal-familja, biex jikseb il-frott tal-ħidma tiegħu imma jfittex fuq kollox li jbiegħed il-frugħa tal-kilba tal-ġid materjali, nitolbu. R/.

4. Għaż-żgħażagħ, biex ma jgħixux biss il-pjaċir tal-mument bla ebda riferiment għal ħajja ta' valuri u għal futur li jitlob sagrifiċċju u impenn, nitolbu. R/.

5. Għalina biex nifhmu li kollox hu frugħa, u li għalhekk ma għandniex naqtgħu qalbna quddiem l-isforzi sinċieri tagħna meta dawn ma jseħħux, jew insibu min ifixkilna jew jgħir għalina, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, int is-sid taż-żmien u l-ġrajja, f'idejk hi l-istorja tal-bnedmin u s-salvazzjoni tagħhom. Agħtina l-għerf li ġej mis-sema biex nagħmlu użu tajjeb taż-żmien u biex nilqgħu b'qalb umli lil Ibnek Ġesù, li ma ġiex fid-dinja biex juri l-kobor tiegħu imma biex ifejjaq lill-fqajrin. Hu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

# ĠIMGĦA TAL-25 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* L-istqarrija ta' fidi ta' Pietru f'Ġesù bħala l-Kristu ta' Alla twassal lil Ġesù biex juri l-vera identità tiegħu bħala Messija: dik li jkun imsallab, imut u jirxoxta. Nitolbu biex aħna nagħmlu stqarrija ta' fidi li tgħinna ngħixu fid-dawl tal-misteru tal-Għid tiegħu:
R/. *Ġesù, inti l-Kristu ta' Alla.*

1. Għall-Papa, biex fl-istqarrija tal-fidi tiegħu fi Kristu jkun ta' dawl u tama għall-insara biex jgħixu b'mod sħiħ il-mixja tagħhom wara Ġesù fil-misteru tal-Għid tiegħu, nitolbu. R/.

2. Għall-mexxejja tan-nazzjonijiet, biex jifhmu li l-mandat tagħhom li jiggvernaw għal tul ta' żmien jitlob minnhom li joffru servizz lis-soċjetà, u jitgħallmu jqisu b'mod prudenti l-valur tad-deċiżjonijiet tagħhom u l-konsegwenzi li jistgħu jġibu fil-futur, nitolbu. R/.

3. Għal min jibża' mill-futur, għal min qata' qalbu quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja, biex jemmen li Alla hu sid iż-żmien u li jaħdem dejjem favur il-ġid tal-bniedem, nitolbu. R/.

4. Għal kull min hu ippersegwitat minħabba l-fidi tiegħu fi Kristu, biex jgħix f'atteġġjament tad-dixxiplu li jimxi wara l-Mulej fit-triq tas-salib u jibqa' jistqarr li fi Kristu biss hemm is-salvazzjoni, nitolbu. R/.

5. Għalina miġburin għal din l-Ewkaristija, biex nagħrfu lil Kristu bħala l-Mulej u l-Feddej tagħna u nagħtu xhieda pubblika tal-fidi tagħna wkoll quddiem ir-realtà tas-salib, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti l-Kristu ta' Alla. Int urejt li bħala Messija ridt tilqa' s-salib u l-mewt biex tifdina. Agħtina l-kuraġġ li jiġi mill-fidi, biex nistqarruk bħala Salvatur u nimxu warajk bil-fedeltà. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## SIBT TAL-25 ĠIMGĦA MATUL IS-SENA

*Ċel:* L-Iben ta' Alla ħalla lilu nnifsu jiġi mogħti f'idejn il-ħżiena u jkun maqtul. Kien b'din l-offerta spontanja ta' mħabba li aħna ġejna mifdija. Nitolbu biex nifhmu l-valur tal-għotja ta' Kristu u ngħixuha wkoll fl-esperjenza tal-għotja tagħna nfusna:
R/. *Int li tajt lilek innifsek għalina, ismagħna.*

1. Imla bil-kuraġġ lill-mexxejja tal-Knisja tiegħek, biex ma jibżgħux ixandru s-salib tiegħek li inti lqajt liberament u li fih tajtna l-veru ħelsien tagħna, nitolbu. R/.

2. Dawwal u reġġa' għall-verità lil dawk il-persuni li huma għedewwa tas-salib tiegħek u li jaqdu kultura li trid twarrbek fil-ġenb għax tibża' mis-sagrifiċċju, nitolbu. R/.

3. Agħti għerf liż-żgħażagħ tagħna biex ma jaħlux żogħżithom fil-frugħa, imma jqisu l-valur tal-ħajja awtentika li ma tinbeniex fuq divertiment bla rażan, imma fuq impenn u preparazzjoni serja, nitolbu. R/.

4. Qawwi lill-anzjani tagħna biex, quddiem il-biża' tal-mard u tal-mewt, ikomplu jemmnu fil-valur tal-ħajja sal-aħħar nifs, u jirringrazzjawk ta' kemm waqaft magħhom u għinthom jagħmlu ġid u jħobbu, nitolbu. R/.

5. Iftħilna moħħna biex nifhmu l-valur taż-żmien, u ma niskandalizzawx ruħna quddiem is-salib tiegħek li ta' spiss narawh jiddi fil-ħajja tagħna, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù, inti rbaħt il-mewt u dawwalt il-ħajja permezz tal-Evanġelju. Agħtina l-għerf tal-Ispirtu biex la ħajja u lanqas mewt ma jbiegħduna minn imħabbtek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## IS-SITTA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

*Ċel:* Alla jiddefendi lill-foqra quddiem is-setgħana u l-għonja li jisfruttawhom. Fil-parabbola tal-għani u Lazzru, Ġesù jurina kif Alla jimla bil-ġid lil min hu bil-ġuħ u lill-għonja jibgħathom barra mis-saltna tiegħu b'xejn. Nitolbuh biex ikollna qalb twajba u ġeneruża ma' Kristu li jħabbat il-bieb ta' qalbna fil-persuna tal-foqra tiegħu:
R/. *Mulej, iddefendi lill-foqra tiegħek.*

1. Għin lill-isqfijiet u s-saċerdoti tal-Knisja tiegħek biex jgħixu fil-ġustizzja, ħniena, fidi, karità, sabar u umiltà fuq l-eżempju ta' Kristu li xejjen lilu nnifsu fl-umanità tiegħu, nitolbu. R/.

2. Ikkonvinċi l-fehma ta' min għandu f'idejh ir-riżorsi ekonomiċi tad-dinja biex ma jużahomx biss għall-profitt tiegħu, imma jaħseb ukoll f'min hu fqir u bil-ġuħ ħtija tal-inġustizzja soċjali, nitolbu. R/.

3. Isma' l-karba ta' miljuni ta' bnedmin li jittallbu l-ħobż ta' kuljum fit-toroq tal-bliet kbar, għax kellhom jaħarbu minn pajjiżhom ħtija tal-isfruttament u l-gwerer li huma riżultat tal-egoiżmu ta' min irid jakkapparra l-ġid, nitolbu. R/.

4. Bierek il-ħidma ta' min jiddedika ħajtu għall-volontarjat favur il-foqra fil-kamp mediku, sanitarju, soċjali u assistenzjali, ukoll meta din il-ħidma ma jagħmilhiex neċessarjament għal motivi reliġjużi, nitolbu. R/.

5. Nissel fina kuxjenza tar-responsabiltà tagħna fid-dnub kollettiv tal-inġustizzja soċjali, ħalli ma nappoġġjawx lil min jurina ħajja komda li fiha jkollna ż-żejjed u nħallu lill-oħrajn jittallbu l-loqom tal-ħobż, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla, inti tajt isem lill-fqir tiegħek Lazzru u ħallejt bla isem lill-għani li ma riedx jgħinu. Wassal il-ġustizzja tiegħek favur il-maħqurin kollha tad-dinja, waqqaf il-kilba bla sens għall-ġid u r-rikkezzi li bihom miljuni ta' persuni jitħallew f'faqar degradanti. Agħtina li nwieġbu għall-Kelma tiegħek biex nagħmlu karità għax nafu li għad tiġġudikana biss fuq dan fl-aħħar jum. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 21 ta' Settembru
## FESTA TA' SAN MATTEW, APPOSTLU U EVANĠELISTA

*Ċel:* Ġesù ġie fid-dinja biex isejjaħ lill-midinbin. Fosthom hu sejjaħ għal warajh lil Mattew il-pubblikan, u miegħu ikkonverta bosta pubblikani u midinbin. Nitolbuh biex aħna nagħmlu esperjenza tal-ħbiberija tiegħu li jrid ikun it-tabib ta' ruħna:
R/. *Mulej, sejjaħ lilna midinbin biex niġu warajk.*

1. Agħti qalb kollha ħniena lis-saċerdoti ministri tiegħek, biex iwasslu l-fejqan u l-faraġ spiritwali lil dawk li jersqu lejk niedma minn dnubiethom, nitolbu. R/.

2. Wassal lill-bnedmin biex jilqgħu lil xulxin bl-imħabba u jżommu spirtu wieħed fir-rabta tas-sliem, nitolbu. R/.

3. Dawwal lil-leġislaturi biex ifasslu liġijiet ġusti dwar ħlas ta' taxxi, biex iċ-ċittadini jiġu edukati kif iroddu lill-istat dak li ġustament hu dovut mingħajr ma jkunu mgħobbija b'piżijiet ekonomiċi li ma jifilħux għalihom, nitolbu. R/.

4. Lil min iħossu mbiegħed mill-Kelma tiegħek agħtih il-kuraġġ li jersaq lejn Kristu li jrid ifejqu bħal tabib tas-sema, billi jistqarr bl-umiltà li hu midneb u jikseb maħfra fis-sagrament tal-qrar, nitolbu. R/.

5. Tħalliniex niġġudikaw lil min narawh jitħallat mal-midinbin, biex niftakru li Kristu ma ġiex fid-dinja għal min jippretendi li hu ġust imma għal min ifittex il-fejqan tal-ispirtu, nitolbu. R/.

*Ċel:* Mulej Ġesù Kristu, f'San Mattew inti tajtna evanġelista li ikkonverta minn pubblikan biex isir appostli tiegħek, agħtina li bħalu nxandru l-għemejjel kbar tal-ħniena tiegħek magħna u li nħarsu l-liġi l-ġdida tal-beatitudni li int ħabbartilna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. R/. Amen.

# TALBA TAL-FIDILI

## 29 ta' Settembru
## FESTA TAL-ARKANĠLI MQADDSA
## MIKIEL, GABRIJEL U RAFEL

*Ċel:* Infaħħru u nbierku lil Alla flimkien mal-Anġli tiegħu li jaqduh lejl u nhar, u li bihom Alla għoġbu jwassal ir-rieda tiegħu lill-bnedmin biex jurihom il-kobor tiegħu, il-qawwa tiegħu, u l-ħniena tiegħu li tfejjaqhom. Nitolbuh u ngħidulu:
R/. *Mal-anġli nfaħħruk u nberkuk.*

1. Int li urejtna fl-Arkanġlu San Mikiel il-kobor tiegħek bħala Alla fil-ġlieda kontra Satana, għin lill-Knisja tiegħek fil-ġlieda tagħha kontra l-qawwiet tad-dlamijiet li jhedduha fil-fedeltà tagħha lejn Kristu, nitolbu. R/.

2. Int li urejtna fl-Arkanġlu San Gabrijel il-qawwa tiegħek bħala Alla, b'mod partikulari fil-misteru tal-Inkarnazzjoni ta' Ibnek, għin lill-mexxejja tal-ġnus biex ma jafdawx fil-qawwa qerrieda tal-armi, imma jsibu t-triq umli tal-paċi li ġabilna Kristu, nitolbu. R/.

3. Int li bgħatt lill-Arkanġlu San Rafel biex ifejjaq lil missier Tobija u jakkumpanja liż-żagħżugħ fil-vjaġġ tiegħu u fil-barka taż-żwieġ tiegħu, fejjaq il-morda u biegħed mill-miżżewġin l-ispirtu ħażin tal-firda u l-qerda tar-rabta taż-żwieġ skond il-ħsieb ta' Kristu, nitolbu. R/.

4. Int li ferraħt lid-dinja bil-kant tal-Anġli fit-twelid ta' Kristu, imla lill-imnikktin bil-ferħ u t-tama tas-salvazzjoni, nitolbu. R/.

5. Int li trid takkumpanjana bl-interċessjoni tal-Anġli messaġġiera tiegħek, agħtina l-ferħ li nħossu l-għajnuna tal-preżenza tagħhom f'ħajjitna, l-aktar fit-taqbida tagħna kontra x-xitan u d-dnub li jbiegħedna minnek, nitolbu. R/.

*Ċel:* O Alla kbir u qawwi, lilek jaqduk l-Anġli u l-Arkanġli, il-Kerubini u s-Serafini, li lejl u nhar ifaħħruk. Ilqa' l-qima li noffrulek f'din l-Ewkaristija u sieħeb it-talb tagħna ma' dak tal-Anġli li jitla' quddiemek bħal inċens ifuħ. Bi Kristu Sidna. R/. Amen.